MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 336/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Shawn Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Shawn Tabone talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Fil-lejl ta' bejn it-13 u 14 ta' Ottubru 2006, f'Santa Venera, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq minn vettura ta' ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni FAZ-234 ta' apparat tal-Hi-Fi u accessorji ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi

Lm100 izda li ma jeccedux Lm1000, bil-hin, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Charlot Barbara minn Santa Venera;

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` fil-vettura msemmija FAZ-234, liema hsara li teccedi Lm50 izda inqas minn Lm500, saret ghad-dannu ta' l-imsemmi Charlot Barbara minn Santa Venera;

3) Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Ottubru 2006, f'San Giljan, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq minn vettura ta' ghamla Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni DBG-864 ta' apparat tal-Hi-Fi u accessorji ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi Lm100 izda li ma jeccedux Lm1000, bil-hin, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Daniel Brincat mill-Hamrun;

4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehoir, mobbli jew immobbli u cioe` fil-vettura msemmija DBG-864, liema hsara li teccedi Lm50 izda inqas minn Lm500, saret ghad-dannu ta' l-imsemmi Daniel Brincat mill-Hamrun;

5) Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Ottubru 2006, fin-Naxxar, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq minn vettura ta' ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni GMY-070 ta' apparat tal-Hi-Fi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi Lm100 izda li ma jeccedix Lm1000, bil-hin, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Mario John Debono min-Naxxar;

6) Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Ottubru 2006, fl-Imriehel, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' erba' *visors* minn vettura ta' ghamla u registrazzjoni mhux maghruf, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux magrufa;

7) Bejn it-28 ta’ Settembru 2006 u l-1 ta’ Ottubru 2006, f’Birzebbugia, flimkien ma’ persuna ohra ikkommetta serq minn vettura ta’ ghamla Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni JAT-794 ta’ apparat tal-Hi-Fi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta’ Charmaine Cilia minn Birzebbugia;

8) F’xi zmien qabel l-14 ta’ Ottubru 2006, f’diversi lokalitajiet go Malta, flimkien ma’ persuna ohra ikkommetta serq ta’ diesel minn vetturi differenti ta’ ghamla u numru ta’ registrazzjoni mhux maghruf, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa, u dans ar ghad-detriment ta’ persuni mhux maghrufa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Ottubru 2006 li permezz taghha l-imsemmi Shawn Tabone, fuq ammissjoni tieghu, instab hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu gie kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ tmien xhur;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-imsemmi Shawn Tabone pprezentat fit-30 ta’ Ottubru 2006 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita` u tirriformaha dwar il-piena billi minflok il-piena nflitta bhala effettiva tordna li l-istess piena tkun sospiza ghal dak iz-zmien li tiffissa din il-Qorti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju huwa dwar il-piena u d-difiza ma tikkontestax il-fatt li hija fil-parametri tal-ligi. Pero` tikkontendi li c-cirkostanzi tal-kaz kollha jindikaw l-applikabilita` ta’ l-artikolu 28A tal-kap. 9, u cioe` li l-piena ta’ prigunerija tkun wahda sospiza.

Din il-Qorti tosserva illi s-sottomissjonijiet tad-difensur ta' l-appellant gew anke kkonfermati mill-ufficjal prosekutur prezenti fl-Awla. Jirrizulta effettivament anke mill-istqarrija ta' l-appellant illi huwa ghamel konfessjoni shiha mal-Pulizija. Inoltre huwa ammetta l-htija immedjatament kif tressaq il-Qorti. L-abbli difensur ta' l-appellat imbaghad irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Din il-Qorti, wara li rriflettiet dwar is-sottomissjonijiet kollha li saru, hija tal-fehma illi, fid-dawl ta' l-ammissjoni hekk bikrija ta' l-appellant, l-ghajnuna siewja li ta lill-Pulizija u l-fedina penali aggornata kwazi netta ta' l-appellant, hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva tkun kontro-producenti u ghalhekk sejra tilqa' l-appell kif dedott.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta' htija, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena effettiva ta' tmien xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal tmien xhur prigunerija b'dan li, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9, din is-sentenza ma tibdiex issehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet snin millum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------